**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U ĦAMSIN**

**19 TA' DIĊEMBRU, 2018**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-Viċi Chairperson Maria Schembri, l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marylin Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **55.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 55.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| | | |
| **55.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 55.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Erbgħa u ħamsin –il seduta. |
| ***55.3*** | | ***SUĠĠERIMENTI U LMENTI WAQT IL-LAQGĦA ANNWALI*** |
| | | |
| 55.3.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn is-suġġerimenti li kienu mressqa mir-residenti:<br>• Biex issir sleeping policeman fi Triq Goswalda Calleja biex l-ilmijiet tax- |

| | | |
|---|---|---|
| | | xita ma jidħlux ġo għalqa u jagħmlu ħsara lill-prodotti. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Biex isiru parking bays fi Triq it-Tin, tul it-triq kollha. Kien hemm qbil li tintbagħat ittra lir-residenti tat-triq, fejn jiġu mistoqsija jekk isibux oġġezzjoni jekk il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jagħmel il-parking bays. Tintalab risposta sa ġimgħa<br>• Bżonn ta' qtugħ ta' ħaxix madwar Bubaqra kollha. Kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur ikkonċernat.<br>• Biex isiru stop markings fl-akwata ta' Triq is-Sardinell u Triq il-Luq. Kien hemm qbil li jiġu ordnati.<br>• Talba biex isiru double yellow lines faċċata ta' garaxx fi Triq it-Torri għax ma jkunx jista joħroġ il-vettura tiegħu jekk ikun hemm vetturi pparkjati faċċata. Kien hemm qbil li jsiru.<br>• Talba biex issir cctv fi Triq Santa Marija għax il-vetturi qed jgħaddu wrong way. Ma kienx hemm qbil fuq dan minħabba l-ispiża finanzjarja.<br>• Hemm leakage tal-ilma fejn id-dar 'St Rita' Triq Gio Batta Riccio. Kien hemm qbil li jsir rapport lill-WSC. |
| | | |
| 55.3.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li marret mal-ħaddiema biex titwaħħal it-tabella tal-wisa tat-triq it-Torri u r-resident li talabha, informa li jekk ma ssirx tabela ta' 'No entry for heavy vehicles' jista ma jsir xejn. Dan ir-resident kellu jiċċekkja ma resident ieħor fejn kellha titwaħħal it-tabella u jerġa javviċina lill-Kumitat Ammministrattiv ta' Bubaqra jekk japprovax li t-tabella titwaħħal viċin id-dar tiegħu, imma s'issa ma ġiex bir-risposta. |
| | | |
| ***55.4*** | | ***Data u ħin tas-seduta li jmiss u data tal-laqgħa annwali*** |
| | | |
| 55.4.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:05. Il-membri preżenti qablu li id-data tal-laqgħa li jmiss tkun l-Erbgħa 23ta' Jannar, 2019 fil-17:30, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. |

Konfermati, illum ______ ta' JANNAR, 2019.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**